UFFIĊĊJU PARROKKJALI
4, TRIQ SAN ĠORĠ
WIED IL-GĦAJN, MSK 1030.
TEL: 21633703

Parroċċa ta' Sant'Anna, Marsaskala

85

PARROĊĊA SANT'ANNA, MARSASKALA

25 ta' Jannar 2025
L-E.T. Mons. Charles J. Scicluna
Arċisqof Metropolita ta' Malta
Floriana

58/2025

**Rikors tar-Rev.du Kan. Luke Cutajar, Kappillan Parroċċa Sant'Anna, Wied il-Għajn**

**Restawr tal-Kwadru Titulari tal-Knisja Parrokkjali il-qadima ta' Wied il-Għajn intitolat 'Sant'Anna tgħallem lill-Verġni Marija' ta' Filippo Venuti.**

Nesponi bir-rispett li:
Inġibdet għall-attenzjoni tiegħi li ħarġu skemi ta' fondi lokali (Arts Council Malta) fejn il-parroċċa tista' tibbenefika minnhom u jsir restawr ta' kwadru li hemm fil-Knisja Parrokkjali u li jinsab fi bżonn kbir ta' restawr. Għalhekk, tlabna lil tliet kumpaniji ta' restawr sabiex jiġu jaraw il-qagħda tal-kwadru u jagħtu stima tal-prezz tar-restawr li għandu bżonn dan il-kwadru. Wara li rċevejna t-tliet kwotazzjonijiet (annessi ma' dan ir-rikors) qegħdin nibgħatuhom ma' dan ir-rikors sabiex jintagħżel wieħed. Il-grupp maħtur mill-parroċċa li jieħu ħsieb il-proġetti tal-parroċċa huwa tal-parir li tintagħżel il-kwotazzjoni ta' ReCoop Architecture & Fine Arts.

Għalhekk qiegħed nitlob lill-Eċċellenza Tiegħek sabiex tilqa' din it-talba tiegħi:

- Li jsir ir-restawr tal-kwadru sopratitulat li jinsab fis-sakristija fil-Knisja Parrokkjali Sant'Anna Wied il-Għajn.
- Il-materjal u x-xogħol biex isir dan ir-restawr huwa s-somma ta' €5310 inkluż il-VAT, liema somma ser tkun kopruta (jekk tiġi aċċettata l-applikazzjoni) mir-Restoration Funding Scheme Movable Artefacts liema skema tipprovdi massimu ta'€8,000.

Filwaqt li ġentilment nistenna risposta għal dan ir-rikors, nitlob il-barka pastorali tal-Eċċellenza Reverendissima tiegħek.

Kan. Luke Cutajar
Kappillan

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Parroċċa Sant' Anna
Marsaskala - Malta

Preżentat fil-Kurja Arċiveskovili
Illum 5 ta' Fra 2025

Charles Buggeja, Kanċillier

RR Registered Item
RR436717244MT
malta post
MARSASKALA

**Il-Kurja tal-Arċisqof**
**P.O. Box 1,**
**Il-Furjana FRN 1520.**
**MALTA.**

**58/2025**

**DIGRIET**

Nilqa' t-talba tar-Reverendu Kanonku Dun Luke Cutajar, Kappillan tal-Parroċċa ta' Marsaskala, rikorrent, fit-termini tar-relazzjonijiet tas-Segretarju Amministrattiv u tal-Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku.

Mogħti fil-Kurja Arċiveskovili ta' Malta, il-Furjana, illum 28 ta' Frar 2025.

(ft) ✠ Charles J. Scicluna
Arċisqof ta' Malta

(ft) Charles Bugeja
Kanċillier

Kopja tal-oriġinal
Illum, 28 ta' Frar 2025
Fr. Charles Bugeja Kanċillier

# L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA

19 ta' Frar, 2025

Lil: Fr Charles Bugeja
Kanċillier

Dwar: Rikors 58/2025
mingħand il-Kappillan Fr Luke Cutajar, Marsascala
dwar Restawr tal-Kwadru Titulari

Il-Board of Management (Min. 1190.7 – 11/2/2025) qabel mat-talba, dejjem sakemm jinkiseb il-finanzjament relattiv.

Michael Pace Ross
Segretarju Amministrattiv

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċidonju
Il-Furjana, Malta

Indirizz Postali
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 1
Il-Furjana FRN 1520, Malta

Tel. +356 2124 5350
Email. info@maltadiocese.org
www.knisja.mt

5 ta' Frar 2025

**Prot. N. 58/2025 - Parroċċa Marsaskala (Wied il-Għajn)**
**Restawr tal-pittura ta' Sant' Anna**

Għażiż Dun Charles,

Wara li rat id-dokumentazzjoni preżentata, il-KPKK taqbel ma dan ir-restawr.

Il-Kummissjoni titlob ukoll li wara li jkun intemm ir-restawr u l-konservazzjoni approvati, jiġi preżentat ukoll Rapport Finali tax-xogħlijiet li saru, pass pass, biex l-intervent ikun dokumentat bl-aħjar mod, kif mitlub minn Artiklu 7(5)(e) tal-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, Kap. 445 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tislijiet,

Rev. Dr André Zaffarese
Segretarju
Kummissjoni Patrimonju Kulturali Kattoliku

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS

| | |
|---|---|
| **Isem tal-Parroċċa / Entita'** | Parroċċa Marsaskala - Restawr tal-kwadru titulari tal-Knisja Parrokkjali l-Qadima |
| **Numru tar-Rikors** | 058/2025 |
| **Numru tad-Digriet** | 085/2025 |
| **Data tad-Digriet** | 28 ta' Frar 2025 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **Digriet** | | € 10.00 | ☐ | € 0.00 |
| **Digrieti dwar proġett** | | | | |
| | | Valur tal-Proġett | | |
| Bejn €5,000 u €50,000 | 0.50% | €5,310.00 | | € 26.55 |
| Bejn €50,001 u €100,000 | 0.40% | | | € 0.00 |
| Il fuq minn €100,001 | 0.30% | | | € 0.00 |
| **Digrieti ta' Sanazzjoni** | | | | |
| | | Valur tas-Sanazzjoni | | |
| Bejn €5,000 u €50,000 | 1.50% | | | € 0.00 |
| Bejn €50,001 u €100,000 | 1.20% | | | € 0.00 |
| Il fuq minn €100,001 | 0.90% | | | € 0.00 |
| | | | | € 26.55 |

Numru tal-Call A/c __________________

Numru tar-Riċevuta __________________

L-ispejjeż tad-Digriet se jittieħdu mill-*call account.*

Fr Charles Bugeja
Kanċillier

CURIA ARCHIEPISCOPALIS MELITENSIS